Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2345/2003

tat-23 ta' Diċembru 2003

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

(ĠU L 346, 31.12.2003, p. 41)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 441/2013 tas-7 ta' Mejju 2013	L 130	1	15.5.2013

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2345/2003

tat-23 ta' Diċembru 2003

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2.

Artikolu 2

Bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità li jirrelataw mas-sistema ta' kontroll doppju u għas-sorveljanzi komunitarji preventivi u retrospettivi tal-prodotti ta' tessut għall-importazzjoni fil-Komunità, l-informazzjoni obbligatorja dwar tariffi maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li mhiex skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perijodu ta' 60 ġurnata, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.


▼B

ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifikazzjoni Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Ilbies inkaxxat mingħajr ħjata, li jkopri l-ġisem kollu mill-ispalla sa' l-għaksa li jgħatti kull sieq separatament. Bi kmien twal. Bil-keffa fit-tarf tal-kmien u fit-tarf tal-qliezi. B'apertura parz- jali fuq wara li tasal sal-qadd u li tinqafel b'żipp. B'għonq dejjaq, li jinqafel fuq wara b'biċċa velkro. Il-biċċa ħwejjeġ hi magħmula minn diversi versi, meħjuta flimkien. Il-biċċa l-kbira tal-ħwejjeġ hi magħmula minn biċċiet ta' gomma ċellulari koperta fuq iż-żewġ naħat b'kisja ta' drapp minsuġ immaljat b'kulur wieħed (fibri sintentiċi). Huma biss versa żgħira fuq quddiem, tnejn mill-erba' versi ta' wara u l-versi tal-kmiem ta' isfel li huma magħmulin minn gomma ċellulari ntaljata koperti biss fuq naħa waħda (fuq ġewwa tal- ħwejjeġ) b'saff ta' drapp minsuġ immaljat b'kulur wieħed. (Ibies ta' l-għaddasa/għal surf) (ara r-ritratti Nri. 631 A u 631 B) (*)	6113 00 10	Il-klassifikazzjoni hi determinata middisposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 3 (b) u 6 għall-interpretazzjoni tannomenklatura magħquda (GIR), bin-►**M1** nota 7(f) ◄ għat-Taqsima XI, bin-noti 2(a) għall-Kapitolu 40, 4 għall-Kapitolu 59, 1 għall-Kapitolu 61, u 1(e) għall-Kapitolu 95, kif ukoll il-kliem tal-kodiċi NM 6113 u 6113 00 10. L-oġġett tal-ħwejjeġ hu magħmul fis-sens tan-►**M1** nota 7(f) ◄ għat-Taqsima XI u jikkonsisti prinċipalment fversa tal-gomma ċellulari koperta fuq iż-żewġ uċuħ b'saff ta' drapp tat-tessut. Dawn il-versi ta' materjali konġunti jagħtu n-natura essenzjali tal-biċċa tal-ħwejjeġ (GIR 3b). Peress li l-gomma ċellulari hi koperta fuq iż-żewġ uċuħ b'saff ta' drapp minsuġ, dan ta' l-aħħar hu meqjus bħala li għandu funzjoni aktar minn dik ta' rinfurzar biss, peress li jagħti n-natura essenzali ta' drapp lill-materjal. Għalhekk, id-drapp minsuġ li hu preżenti mhux biss għall-iskopijiet ta' rinfurzar fis-sens tal-Kapitolu nota 4, l-aħħar paragrafu, għall-Kapitolu 59, hu kkunsidrat li hu l-materjal kostitwenti ta' l-oġġett ta' lbies. (Ara wkoll in-Noti ta' Spjega SA għal intestatura 4008, it-tielet paragrafu, u r-raba' paragrafu, (A)). Għalhekk, l-oġġett ta' lbies hu biċċa ħwejjeġ magħmul minn drapp immaljat ta' l-intestatura 5906 u, skond in-nota 1 għall- Kapitolu 61, hu klassifikat fis-sottointestatura 6113 00 10. Klassifikazzjoni fl-intestatura 4015 hi eskluża fis-sens ta' GIR 3b peress li parti żgħira biss tal-ħwejjeġ hi magħmula minn folja ta' gomma ċellulari koperta biss minn naħa waħda b'drapp minsuġ li qiegħed hemm biss għal skopijiet ta' rinfurzar (intestatura 4008).

(*) Ir-ritratti huma biss għal informazzjoni.

▼B



▼B

